26 ta' April, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Salvu Micallef et *versus* Angelo Azzopardi

**Inġurja — Ittri Anonimi.**

*Jekk persuna, fuq raġuni tajba, tkun ġustifikata illi taħseb, mingħajr leġġerezza u raġjonevolment, illi persuna oħra kkommettiet ħtija bi ħsara tagħha, allura ma tkunx ħatja ta' inġurja jekk hija tirrinfaċċja bil-moderazzjoni l-ħtija lil dik il-persuna, anki jekk aċċidentalment jinzertaw ikunu preżenti xi nies, u fil-fatt dik il-persuna ma tkunx ikkommettiet dik il-ħtija li tiġi lilha rinfaċċjata.*

*Il-fatt li wieħed jattribwixxi lill-ieħor li dan l-aħħar imsemmi bagħatlu xi ittri anonimi, meta ma kellux raġuni tajba li jaħseb hekk, jirrendi lil dak li jagħmel dan l-addebitu ħati ta' inġurja.*

Fuq il-kwerela magħmula mill-kwerelanti kontra l-kwerelat Angelo Azzopardi talli f'dawn l-aħħar tliet xhur, is-Siġġiewi, inġurjahom billi akkużahom li kitbu ittri anonimi, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-24 ta' Jannar 1952, wara li rat l-art. 265 (1) u 353 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-kwerelat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu 5s. ammenda, bl-ispejjeż;

Il-kwerelat appella;

Il-Qorti semgħet il-provi, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Mill-provi rriżulta li l-kwerelat kien għamel żmien jinnamra ma' bint il-kwerelanti u jidħol għandhom; u wara li ġġieldu, irċieva xi ittri anonimi u kartolina anonima. Il-kwerelat deherlu li għaraf il-kalligrafija ta' bint iż-żgħira tal-kwerelanta; u peress li żmien qabel il-kwerelant kien staqsieh jekk kienx irċieva xi kartolina, u kien mal-kwerelanti li kellu x'jaqsam, waħħal fihom li bagħtulu l-ittri u l-kartolina anonimi. Għaldaqstant ġurnata waħda ltaqa' ras imbras mal-kwerelant, u qallu :— "Isma', meta trid tgħid xi ħaġa għidha f'wiċċi,

mhux tibgħatli l-ittri''. U fuq mistoqsija tal-kwerelant, il-kwerelat żied qallu :— ''Int u ommok qegħdin tibagħtu l-ittri mingħajr isem u kunjom''. Imbagħad marret il-kwerelanta għand il-kwerelat, u staqsietu jekk kienx veru li kien qiegħed jgħid lil bintha li bagħtitlu xi ittri mingħajr isem u kunjom; u weġibha affermativament. Għal dan id-diskors ta' l-aħħar kienet preżenti ommu, ħuh u oħtu. Il-kwerelanti ċaħdu li bagħtu dawk l-ittri, u milli jidher lanqas jafu jiktbu; iżda l-kwerelat deherlu li l-ittri ntbagħtu minnhom u ġew miktuba minn bint il-kwerelanta;

Gie ritenut minn din il-Qorti li ''jekk persuna, fuq raġuni tajba, tkun ġustifikata illi taħseb, mingħajr leġġerezza u raġjonevolment, illi persuna oħra kkommettiet ħtija bi ħsara tagħha, allura ma tkunx ħatja ta' inġurja jekk hija tirrinfaċċja bil-moderazzjoni l-ħtija lil dik il-persuna, anki jekk aċċidentalment jinzertaw ikunu preżenti xi nies, u fil-fatt dil-persuna ma tkunx ikkommettiet dik il-ħtija li tiġi lilha rinfaċċjata (ara sentenza ta' dil-Qorti in re ''Farrugia vs. Zammit'', tat-30 ta' Ottubru 1937, Kollez. Vol. XXIX, Parte IV, paġ. 773);

Fil-każ tal-kwerelat ma jidherx li dana kellu raġuni biżżejjed biex, tajjeb jew ħażin, iwaħħal fil-kwerelanti li bagħtitlu dawk l-ittri anonimi. U tabilħaqq, il-fatt li huwa kien ikellem lill-bint il-kwerelanta mhux biżżejjed biex jiġġustifikah iwaħħal f'dik il-mara li bagħtitlu l-ittri anonimi, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li ħadd mill-kwerelanti ma jafu jiktbu, u ebda prova ma saret li l-kalligrafija hija dik ta' bint iż-żgħira tal-kwerelanta. Lanqas ma jirriżulta li fl-ittri kien hemm imsemmijin xi fatti li ma setgħux jafuhom ħlief il-kwerelanti, biex wieħed jista' jissupponi li l-ittri ġew minn għandhom. Firrħula huwa faċili li bosta nies ikunu jafu li ġuvni jkun qiegħed ikellem xi tfajla; u kif huwa notorju, dejjem issib min jilħaq salib ħadd ieħor;

Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, jidher li l-kwerelat mexa b'leġġerezza u bla raġuni suffiċjenti meta waħħal fil-kwerelanti li bagħtulu l-ittri anonimi; u b'hekk inġurjahom;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant; u tiffissa l-onorarju tad-difensuri 15s. għas-seduta tal-15 ta' Marzu 1952 u tal-lum, u 10s. għal kull seduta oħra.